MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 368/2007

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju**
**u ghan-nom tat-tifla minuri E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrenti kien f' relazzjoni intima mal-konvenuta bejn is-sena 1998 u April 1999;

2. Illi fil-hamsa (5) ta' Marzu 2000, twieldet E D, liema tifla l-attur haseb li huwa l-missier tat-tifla tant li anki huwa kien iddikjara li hija t-tifla tieghu u kien hemm ftehim ta' manteniment skond l-anness Dok. A;

3. Illi fil-fatt, ir-rikorrenti qieghed ihallas lill-intimata ghall-manteniment tat-tifla E Lm64 fix-xahar;

4. Illi r-rikorrenti pero' llum jinsab cert li t-tifla m' hijix il-wild naturali tieghu peress li huwa kien ittermina r-relazzjoni intima li kellu mal-konvenuta f' April tas-sena 1999, u ghalhekk huwa mpossibli li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla E li twieldet fil-hamsa (5) ta' Marzu 2000, skond l-anness certifikat tat-twelid markat dokument A;

5. Illi r-rikorrenti jixtieq anki bl-opera ta' periti nominandi, jistabbilixxi dan il-fatt, li huwa m' huwiex il-missier naturali ta' l-istess tifla E D;

6. Illi skond ic-certifikat tat-twelid ta' E jirrizulta li r-rikorrenti lanqas ma huwa meqjuz bhala 'l-missier' skond l-anness certifikat tat-twelid markat Dokument B;

Jghid ghalhekk l-intimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur m' huwiex il-missier naturali tat-tarbija E D li twieldet fil-hamsa (5) ta' Marzu 2000, prevja jekk hemm bzonn anki bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ftehim hawn anness u mmarkat bhala Dokument A, huwa null u invalidu, stante l-fatt li r-rikorrenti m' huwiex il-missier naturali tat-tarbija;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li huwa minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet :

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikors guramentat ta' l-attur huwa ghal kollox irritwali stante li l-azzjoni ta' diskonnixximent jew ta' denegata paternita' hija miftuha biss ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala l-missier tat-tarbija li twieldet fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fil-Ligi ;

2. Illi fit-tieni lok, l-azzjoni ta' denegata paternita' ghandha tigi pprezentata fit-termini stretti moghtija mill-Ligi ai termini ta' l-artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux seba' snin wara t-twelid tat-tarbija ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur iffirma l-ftehim anness mar-rikors ta' l-attur u mmarkat bhala Dok. A f' Gunju 2006 u cioe' sitt (6) snin wara li twieldet il-minuri, b' mod volontarju, u ghalhekk huwa kellu kull cans jivverifika jekk il-minuri hijix il-wild naturali tieghu ;

4. Illi di piu' l-eccipjenta tichad illi l-minuri E m' hijix il-wild naturali ta' l-attur.

5. Illi l-eccipjenta m' ghandhix tbati ebda spejjez u tirriserva l-jedd taghha li tintavola eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tat-testijiet tad-DNA prezentat u mahluf minn Dottor Renald Blundell ;

Rat is-sentenza parzjali[2] moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 2008 li biha rringiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali li t-tifla E D li twieldet mill-konvenuta fil-5 ta' Marzu 2000 mhijiex il-wild naturali tieghu; u li konsegwentement il-ftehim ffirmat bejn il-partijiet fis-16 ta' Gunju 2006 huwa null u invalidu.

---

[1] Fol.47 *et seq.*
[2] Fol.37 *et seq.*

**Il-Fatti**
Illi jirrizulta sodisfacentement provat, senjatament mill-affidavit tal-konvenuta, li l-partijet kellhom relazzjoni bejn is-sena 1998 u l-ahhar tas-sena 2000.

Illi matul din ir-relazzjoni twieldet it-tifla E fil-5 ta’ Marzu 2000, li giet pero’ registrata bhala wild ta’ missier mhux maghruf.

Illi jidher li bejn il-partijiiet inqalghu problemi rigwardanti l-access ta’ l-attur ghall-minuri, u l-manteniment dovut minnu lill-konvenuta, ghall-istess minuri. Il-partijiet solvew dawn il-pendenzi permezz ta’ skrittura privata fejn, wara li ddikjaraw li “l-partijiet ghandhom tifla minuri bl-isem E li twieldet fil-5 ta’ Marzu 2000” gie fissat il-quantum tal-manteniment dovut minnu ghal minuri, u l-access favur tieghu ghall-istess minuri.

Illi sussegwentement l-attur beda jkollu dubju dwar il-paternita’ reali tal-minuri, u talab li jsiru t-testijiet tad-DNA sabiex jigi stabbilit jekk huwa huwiex verament missier it-tifla. Minn naha taghha l-konvenuta accettat, u fi kliemha “sabiex jigi konfermat darba ghal dejjem li A B huwa missierha.”[3]

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici li saru fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuna taz-zewg partijiet u tat-tifla, taw ragun lid-dubji li kellu l-attur, stante li minn dawn it-testijiet jirrizulta xjentifikatament provat li t-tifla E D li twieldet fil-5 ta’ Marzu 2000 mhijiex il-wild naturali tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fid-dawl tal-premess, l-ewwel talba attrici tinsab sostnuta mill-provi u timmerita li tigi milqugha.

Illi rigward it-tieni talba diretta sabiex jigi dikjarat null il-ftehim iffirmat bejn il-partijet fis-16 ta’ Gunju 2006, il-Qorti tosserva li mir-rikors promotur jirrizulta car li din it-talba hija msejsa fuq l-artikoli 974 u 976 tal-Kap.16 li jikkontemplaw in-nullita’ tal-konvenzjoni meta l-kunsens

[3] Fol.44

ikun vizzjat, inter alia, bi zball, u li dan l-izball ikun “jaqa’ fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.” F’ dawn il-kazijiet, il-kunsens “ma jkunx jiswa”.

Il-Qorti tosserva li l-fatt principali li jifforma s-substratt tal-konvenzjoni in dizamina huwa l-konvinciment, almenu da parti ta’ l-attur, li t-tifla E hija bintu, tenut kont tal-fatt li din giet koncepita fiz-zmien li l-partijiet kienu ghandhom fir-relazzjoni ma’ xulxin. Kien dan il-fatt li spinga lill-attur li jidhol fi ftehim mal-konvenuta li jhallas somma mensili ta’ Lm70 bhala manteniment ghax dik li dak iz-zmien huwa haseb li E kienet bintu, u ghalhekk dak il-fatt kien determinanti, anzi kien l-unika kawza, li minhabba fiha huwa accetta li jidhol f’ dan l-obbligi, bil-konsegewenzjali dritt ta’ access ghat-tifla.

Ghaldaqstant il-Qorti tosserva li dan iz-zball kien jikkoncerna “s-sustanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim”u cioe’ il-paternita’ tal-minuri ; u ghalhekk l-kunsens tieghu, moghti rizultat ta’ dan l-izball, ma jiswiex.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-tieni talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, jigi osservat li l-artikolu 73 tal-Kap.16 huwa napplikabbli ghall-kaz u ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hija nfondata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici ; u tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija E D li twieldet mill-konvenut fil-5 ta’ Marzu 2000 ; u konsegwentement tiddikjara null il-ftehim fuq indikat.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta proprio.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------